**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgha, 20 ta' Marzu 2019**

**Talba Numru 569/2018SFJ**

**Ronnie Vassallo (245783M) u John Vassallo (39778M)**

**vs.**

**Maria-Aloysia sive Marlise Bone (467967M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallashom is-somma ta' elf u ħames mija u tlettax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,513.50) flimkien mal-ispejjeż li jinkludu dawk tal-ittra uffiċjali 3395/2018 tat-2 ta' Ottubru 2018 flimkien mal-imgħaxijiet legali li huma bilanċ ta' prezz dovut lilhom għall-bejgħ u l-installazzjoni ta' tlett (3) *air conditioning units* li sar fit-2 ta' Awwissu 2017.

Ra d-dokumenti ippreżentati mill-atturi:

- Dokument A – Fattura u *statement* li jindikaw il-bilanċ dovut; u

- Dokument B – Kopja legali tal-ittra uffiċjali 3395/2018 li n-notifika tagħha saret fil-25 ta' Ottubru 2018).

Ra li l-konvenuta kienet debitament innotifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ fl-1 ta' Marzu 2019.

Ra li fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2019, dehret il-konvenuta stess li ammettiet li għandha tagħti lill-atturi s-somma indikata fl-Avviż tat-Talba.

Ikkunsidra għalhekk li t-talba tal-atturi kif dedotta tinsab ippruvata bl-ammissjoni tal-konvenuta innifisha.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' elf u ħames mija u tlettax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,513.50) bl-ispejjeż kollha kif mitlub fl-Avviż tat-Talba u bl-imgħaxijiet legali li għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimata.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**